Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 676/2007/1

**Av. Hugh Peralta bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kurazija tal-Falliment Tondon Sedie s.a.s.**
**(Curatela del Fallimento Tondon Sedie s.a.s.)**

**v.**

**ZET Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat minn Dr. Hugh Peralta nomine fis-27 ta' Gunju, 2007, li jaqra hekk:
"Illi huwa gie appuntat mandatarju specjali tal-**Curatela del Fallimento Tondon Sedie s.a.s** permezz tal-pokura annessa mar-rikors u immarkata Dok 'A'.

"Illi permezz tat-Tribunal ta' Udine, fl-Italja, tat-13 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet '**Curatela del Fallimento Tondon Sedie s.a.s. vs ZET Ltd**' (kopja awtentika tas-sentenza u dokumenti ohra relativi gew annessi mar-rikors u immarkati bhala Dok 'B1-11' flimkien ma' traduzzjoni awtentika awtorizzata u approvata mit-Tribunal ta' Udine immarkata Dok 'C1-5'), is-socjeta` intimata giet dikjarata debitrici tar-rikorrent noe fis-somma ta' hamsa u hamsin elf u sitta u sebghin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (Euro 55,076.87) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf sitt mija u sebgha u erbghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm23,647.80) skond ir-rata tal-kambju vigenti, flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data li kull pagament individwali (liema pagamenti jifformaw l-ammont totali su-indikat) sar dovut, kif ukoll spejjez fl-ammont ta' elf tliet mija u hames Euro u tmienja u tletin Euro cents (Euro 1,305.38).

"Illi l-intimata hija kumpanija registrata hawn Malta u r-rikorrenti nomine xtaq illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tigi infurzata kontra l-intimat skond ir-***Regolament tal-Kumsill (KEE) Nru 44/2001 dwar il-Gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali,*** kif emendat.

"Illi skond l-art. 38(1) tar-Regolament 44/2001, sentenza moghtija fi Stat Membru u ezegwibbli f'dak l-istat ghandha tigi ezegwita fi Stat Membru iehor meta, fuq applikazzjoni ta' parti interessata, din tkun giet dikjarata ezegwibbli hemmhekk.

"Illi tali sentenza hija ezegwibbli ai termini tac-certifikat fil-forma ta' Avvex V ta' l-imsemmi Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 44/2001 mahrug mit-Tribunal ta' Udine, Italja, kopja annessa mar-rikors u immarkata Dok 'D'.

"Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qortii sabiex prevja kwalunkwe provvediment u/jew disposizzjoni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti:

"1. Tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Udine datata 13 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet 'Curatela del Fallimento Tondon Sedie s.a.s. vs ZET Ltd'; u

"2. Tiddikjara l-imsemmija decizjoni infurzabbli u ezegwibbli kontra s-socjeta` intimata.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata."

Rat ir-risposta ipprezentata mis-socjeta` intimata li in forza taghha eccepiet illi
"Illi t-talbiet tar-rikorrent nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

"Illi preliminarjament ir-rikorrenti nomine fil-kwalita` tieghu kif deskritta fir-rikors guramentat mhux legittimu kontradittur stante li legalment "il-Kurazija tal-Falliment ta' Tondon Sedie s.a.s." ma hix persuna guridika u semmai l-kumpannija in falliment hija Tondon Sedie s.a.s. kif rapprezentata minn dott. Patrizia Dotto (kif jirrizulta mid-dokument B1 ezebit mir-rikorrent nomine stess).

"Illi preliminarjament ukoll mid-dokumenti ezebiti mir-rikorrent nomine stess jirrizulta li ma nghatat l-ebda sentenza fit-13 ta' Ottubru, 2005 kif dikjarat mir-rikorrent nomine u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma zbaljati u ma jistghux jigu milqugha.

"Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari hawn fuq imsemmija s-sentenza *ossia* decizjoni tat-Tribunal ta' Udine ezebit bhala Dok B10 mar-rikors promotur (li huwa fil-fatt datat 1 ta' Marzu, 2006) ma tistax tigi rikonoxxuta minn dina l-Qorti stante li l-Artikolu 34 tal-KKE 44/2007 jipprojbixxi r-rikonoxximent ta' sentenza li tinghata bil-kontumacja tal-konvenut jew intimat fejn jirrizulta li l-istess konvenut jew intimat ma kienx

debitament notifikat bid-dokumenti li bihom giet intavolata l-kawza.

“Illi l-Artikolu 24 tal-KEE 44/2001 jghid hekk:

“***A judgement shall not be recognised:***

“***1. Omissis***

“***2. Where it was given in default of apperance, if the defendant was not served with the document which instituted the proceedings or with an equivalent document in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence, unless the defendant failed to commence proceedings to challenge the judgement when it was possible for him to do so.***”

“Illi fil-fatt jirrizulta li l-kumpanija intimata qatt ma giet debitament notifikata bil-kawza intavolata kontra taghha quddiem it-Tribunal ta’ Udine u fil-fatt l-ewwel darba li l-kumpannija intimata saret taf b’din il-kawza kien meta gew intavolati l-proceduri odjerni ghar-rikonoxximent u eventwali ezekuzzjoni u tad-decizjoni ta’ l-istess Tribunal.

“Illi mid-dokumenti ezebiti mir-rikorrent nomine stess jirrizultaw is-segwenti fatti:

“1. Illi fit-12 ta’ Ottubru, 2005, dott. Patrizia Dotto fil-vesti taghha ta’ kuratrici tal-kumpannija Tondon Sedie s.a.s. ghall-fini tal-proceduri ta’ falliment ta’ l-istess kumpannija intavolat rikors fit-Tribunal ta’ Udine kontra l-kumpannija intimata ZET Limited ghall-hlas tas-somma ta’ €55.076,87 oltre l-imghax legali u spejjez (Dok B1 u B2);

“2. Illi fit-23 ta’ Novembru, 2005 it-Tribunal ta’ Udine hareg ir-rikors fuq imsemmi ghan-notifika billi baghat l-istess rikors lill-Avukat Generali ta’ Malta b’talba li din tinnotifika lill-kumpannija ZET Limited fl-indirizz “UB 7 Ind. Estate San Gwann, Malta” (Dok B4 u B5);

"3. Illi fil-fatt jirrizulta li l-indirizz tal-kumpannija intimata ma huwiex "UB 7 Ind. Estate San Gwann, Malta" kif indikat fir-***Realazione di Notifica*** mahruga mit-Tribunal ta' Udine izda UB19, Industrial Estate, San Gwann, Malta kif jirrizulta mill-istatut anness mar-risposta mahrug mis-sit tar-Registru tal-Kumpanniji ta' Malta (Dok ZET1);

"4. Illi fit-2 ta' Jannar, 2006, il-Marixall Carmel Farrugia innotifika bl-atti tal-kawza lil Annie Zammit izda r-riferti mahruga minnu ma jindikawx fejn saret in-notifika (Dok B8 u B9);

"5. Illi Annie Zammit ma hix direttur jew rapprezentant tal-kumpannija intimata u ghaldaqstant notifika lilha ma tistax titqies bhala notifika valida fil-konfront tal-kumpannija intimata (Dok ZET2).

"6. Illi in oltre, kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tar-rikors odjern, Annie Zammit giet notifikata fir-residenza taghha f'Dingli Street, Sliema u peress illi din lanqas ma hija impjegata tal-kumpannija intimata u n-notifika ma saritx fir-***registered office*** tal-kumpannija l-istess notifika ma tistax titqies bhala valida fil-konfront tal-kumpannija intimata;

"7. Illi ghal xi raguni, fic-***Certificate of Service or Non Service of Documents*** mahrug mill-ufficcju tal-Avukat Generali ta' Malta ghall-fini tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 1348/2000 (Dok B6) hemm indikat illi n-notifika lil Annie Zammit saret fil-fond UB19, Industrial Estate, San Gwann, Malta izda bhala fatt dan ma hux minnu;

"8. Illi fil-fatt mir-riferti tal-marixxal Carmel Farrugia (Dok B8 u B9) ma jirrizultax fejn saret in-notifika u ghalhekk ic-certifikat mahrug mill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali abbazi ta' dawn ir-riferti ma jistax jitqies bhala konferma li n-notifika saret fl-indirizz hemm indikat;

"9. Illi l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali hareg certifikat ta' notifika f'indirizz differenti minn dak illi fih gie mitlub illi jaghmel in-notifika tat-Tribunal ta' Udine u ghalhekk ukoll

ghall-fini tal-proceduri odjerni l-istess certifikat ma jistax jinghad illi huwa validu;

“Illi ghalhekk peress illi kif jirrizulta hawn fuq il-kumpannija intimata qatt ma giet debitament notifikata bir-rikors u l-proceduri intavolati kontra taghha fit-Tribunal ta’ Udine, is-sentenza jew decizjoni ta’ l-istess Tribunal ma jistax jigi rikonoxxut jew ezegwit mill-Qrati ta’ Malta kemm ghaliex dan huwa projbit mill-Artikolu 34 tal-KEE 44/2001 kif ukoll ghaliex huwa kontra l-principji tal-gustizzja naturali u kontra l-ligi kostituzzjonali ta’ Malta li persuna (inkluz persuna guridika) ma tinghatax opportunita` xierqa li tiddefendi ruhha fi proceduri legali gudizzjarji migjuba kontra taghha (***audi alteram parte***);

“Illi fl-ahhar lok jirrizulta wkoll illi d-dokument mahrug mit-Tribunal ta’ Udine fil-21 ta’ Lulju, 2006 ai fini tal-proceduri odjerni (Dok D) (kif rikjest mill-Artikolu 54 tal-KEE 44/2001) ma huwiex validu stante li ma jindikax fil-paragrafu 4.4 jekk jew meta giet notifikata l-kumpannija intimata u ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrenti nomine ma jistghux jigu milqugha;

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija t-talbiet tar-rikorrent nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Ottubru, 2008, li in forza taghha, wara li cahdet l-ewwel eccezjoni preliminari tas-socjeta` intimata, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-istess socjeta` intimata, u prezumibilment (u qed jinghad hekk, ghax fis-sentenza ma hemm ebda decide fuq it-talbiet tar-rikorrent nomine) cahdet it-talbiet rikorrenti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-sewgwenti konsiderazzjonijiet;
“Gie prezentat l-affidavit ta’ Anne Zammit fejn issemma li hi tigi mart Saviour Zammit u ghandha 69 sena.  Zewgha hu d-direttur tal-kumpannija ZET Limited li hi registrata bl-indirizz fil-fabbrika UB19, Industrial Estate, San Gwann. Hi la hi direttur u lanqas impjegata tal-kumpannija ta’

zewgha u qatt ma kienet. Hi tabita flimkien ma' zewgha fi flat nru 9, Ocean Court, Dingli Street, Sliema minn aktar minn ghaxar snin. Tiftakar li s-sena li ghaddiet kien ircieviet ittra mill-Qorti permezz tal-Marixxall u kienet iffirmat ghaliha. Hi kienet ghaddiethom lill-zewgha u ma tafx x'kien gara wara. Hi daqshekk ghamlet u qatt ma ndahlet f'xoghol zewgha. Hi mara tad-dar u dejjem mara tad-dar kienet. Id-dokumenti li semmiet kienet irciviethom id-dar u qatt il-fabbrika billi hi jekk marret tlieta, erba' darbiet il-fabbrika f'din l-ahhar ghaxar snin hafna.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi fl-20 ta' Novembru, 2007 il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw noti fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet, kif fil-fatt ghamlu.

"***D1. Rikorrent mhux legittimu kontradittur***

"L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kumpannija intimata hija fis-sens illi r-rikorrent nomine fil-kwalita` tieghu kif deskritta fir-rikors guramentat mhux legittimu kontradittur stante li legalment "il-Kurazija tal-Falliment ta' Tondon Sedie S.a.s" ma hijiex persuna guridika u semmai il-kumpannija in falliment hija Tondon Sedie S.a.s. kif rapprezentata minn dottoressa Patrizia Dotto. Minhabba dan is-socjeta` konvenuta sostniet li r-rikors promotur huwa irritwali u r-rikorrent nomine fil-kwalita` tieghu kif deskritta fir-rikors guramentat mhux legittimu kontradittur stante li ma huwiex persuna legali jew guridika u ghalhekk ma jista' jkollu ebda *locus standi* fil-kawza.

"Is-socjeta` konvenuta sostniet li miz-zewg dokumenti pprezentati mir-rikorrent *nomine* stess u immarkati Dok B1 u Dok MP3 rispettivament jirrizulta illi r-rapprezentant legali tal-falliment ta' Tondon Serie S.a.s hija Dottoressa Patrizia Dotto. Ghalhekk il-kawza *de quo* kellha tigi ntavolata minnha jew mir-rikorrent *nomine* ghan-nom taghha, debitament awtorizzat. Izda l-kawza giet intavolata mir-rikorrent ghan-nom tal-"Kurazija tal-falliment Tondon Sedie S.a.s" li ma hijiex persuna fizika jew guridika. Ghalhekk sostniet li Dottoressa Patrizia Dotto

biss l-persuna li ghandha r-rapprezentanza tal-kumpannija in falliment Tondon Sedie S.a.s.

"Ir-rikorrent *nomine* min-naha l-ohra jikkontesta din l-eccezzjoni a bazi tal-fatt illi l-Kurazija tal-Fallimento Tendon Sedie S.a.s qeghda tigi rapprezentata mill-Avukat Dr Hugh Peralta ghandha personalita` guridika. F'dan ir-rigward hu irrefera ghal-ligi Taljana **"La Legge Fallimentare"**, Regio Decreto ta' 16 ta' Marzu 1942, n. 267 u sostna li l-personalita` giuridika ta' Kumpaniji li jkunu fallew hija li l-persuna giuridika li tissostitwixxi il-kumpanija falluta fir-rapporti guridici ta' l-istess kumpanija u ghalhekk a kuntrarju ta' dak illi gie sottomess mis-socjeta` intimata, il-Kurazija tal-Fallimento Tondon Sedie S.a.s ghandha personalita` guridika.

"Din l-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' xi whud mid-dokumenti ezibiti. Dok B1 a fol 5 tal-process jghid: "Curatela del Fallimento Tondon Sedie S.a.s. in persona del Curatore ….". Mela s-suggett huwa Curatela del Fallimento Tondon Sedie S.a.s. Ukoll Dok C1 a fol 16 jirreferi ghal "the Official Receivership for Tondon Sedie S.a.s. represented by the Official Receiver Dott Patrizia Dotto…" Hawn ukoll mhix Dott Dotto izda l-Official Receivership li hu s-suggett. Ghal dawn ir-ragunijiet din l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata qed tigi michuda

"***<u>D2. Ebda sentenza fit-13 ta' Ottubru, 2005</u>***

"Is-socjeta` intimata eccepiet li mid-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti *nomine* stess jirrizulta li ma nghatat l-ebda sentenza fit-13 ta' Ottubru, 2005 kif dikjarat mir-rikorrent *nomine* fir-rikors promotur u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma zbaljati u ma jistghux jigu milqugha. Is-socjeta` konvenuta sostniet li fil-fatt jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mir-rikorrent stess u partikolarment id-dokument mmarkat Dok B10 illi ma kien hemm ebda sentenza jew digriet tal-Qorti ta' Udine fid-data msemmija fir-rikors promotur u cioe' fit-13 ta' Ottubru, 2005 u ghalhekk kemm l-ewwel talba tar-rikorrent fir-rikors

promotur kif ukoll it-tieni talba li tiddependi fuqha ma jistghux jigu milqugha.

“Illi a kuntrarju r-rikorrent sostna li d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent *nomine* juru bic-car illi d-digriet tat-Tribunal ta’ Udine, li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni, gie moghti fit-13 ta’ Ottubru 2005. Sostna li DOK B3 juri b’mod car illi fuq rikors tal-Curatela del Fallimento Tondon Sedie S.a.s, it-Tribunal ta’ Udine tat digriet (Decreto) fit-13 ta’ Ottubru 2005, fejn iddikjarat illi s-socjeta’ initimata ZET Ltd. kienet debitrici versu il-Curatela del Fallimento Tondon Sedie S.a.s, fl-ammont ta’ hamsa u hamsin elf u sitta u sebghin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (EUR *55,* 076.78). Irrefera ghac-certifikat mahrug mit-Tribunal ta’ Udine (Dok D), ***ai termini*** ta’ Annex V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nm 44/2001, hemm indikat b’mod car f’ punt 4.1 illi d-data tad-decizjoni tat-Tribunal ta’ Udine hija 13 ta’ Ottubru, 2005.

“Il-Qorti ma taqbilx ma’ dak li sostna ir-rikorrent. Jekk wiehed jezamina Dok B3 isib erba’ linji mit-tarf “Un tanto nel termine di giorni 40(quaranta) dalla notificazione del presente decreto con avvertimento all’intimata che nello stesso termine essa potra` proporre eventuale opposizione …”. Dan jaghmilha cara li ma hemmx sentenza definitiva tat-13 ta’ Ottubru 2005 izda digriet li kien dipendenti mill-fatt li ma jkunx hemm opposizjoni ghalih.

“Ir-rikorrent irrefera ghall-Artikolu 32 tar-Regolament Nru 44/2001 illi l-Artikolu 32 ighid hekk:

“For the purposes of this Regulation, judgment means any judgment given by a court or tribunal of a Member State, whatever the judgment may be called, including a decree, order etc...”

“Izda wiehed irid joqghod attent li l-ligi qedgha dejjem titkellem fuq judgment u cioe` decizjoni finali ghalkemm tissemma l-kelma decree u dan minhabba s-sistemi differenti li jezistu. Tant kemm hu hekk li ma kienx hemm

sentenza li setghet tigi ezegwita li Dok D a fol 21 fil 4.1 jsemmi specifikament il-kliem:

"Data decisione: 13/10/2005 dichiarato esecutivo il 01/03/2006".

"U dan bir-ragun ghax meta nghata d-digriet tat-13/10/05 kien ghad jonqos in-notifika. Din hi teknikalita` izda wahda importanti. U il-Qorti ghandha l-obbligu li ghalhekk tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ma hemmx in-necessita` li tigi ezaminata t-tielet eccezzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza, li fiha laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` appellata, moghtija fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru 2008, Rikors Numru 676/2007/CFS, fl-ismijiet 'Curatela del Fallimento Tendon Sedie s.a.s. v. ZET Ltd' billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata ZET Limited filwaqt illi tilqa' t-talbiet tal-appellant nomine bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrrent nomine appellant.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri l-Avukat Dr. Hugh Peralta, f'isem socjeta` estera, talab li titqies enforzabbli hawn Malta sentenza li s-socjeta` estera otteniet fil-konfront tas-socjeta` intimata mit-Tribunal ta' Udine l-Italia; it-talba saret a bazi tar-regolament 44/2001 tal-Unjoni Ewropea. L-ewwel Qorti qieset ir-rikors bhala ftuh ta' kawza gdida, u s-socjeta` intimata nghatat l-opportunita` tikkontesta t-talba u tressaq l-"eccezzjonijiet" taghha ghall-istess talba. L-ewwel "eccezzjoni" taghha, li l-attur mhux "legittimu

kontradittur" (sic!) ghax ma kienx qed jidher ghal persuna guridika, giet michuda mill-ewwel Qorti fl-ewwel parti tas-sentenza appellata. Is-socjeta` intimata ma ressqitx appell minn dik il-parti tas-sentenza (l'hekk imsejjah appello di comodo) u kwindi dik il-kwistjoni hi maghluqa ghax id-decizjoni relattiva issa ghaddiet in gudikat.

L-ewwel Qorti, pero`, laqghet it-tieni "eccezzjoni" tas-socjeta` intimata u ma laqghetx it-talba tar-rikorrent nomine peress li ma rrizultax li nghatat sentenza fit-13 ta' Ottubru, 2005, kif ippremetta r-rikorrent nomine. Dan iddecidietu ghax, fil-fehma taghha, id-decizjoni finali ma nghatatx f'dik id-data, tant li ntqal li d-decizjoni giet "dichiarato esecutivo il 01/03/2006".

Ir-rikorrent nomine appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji li jolqtu, principalment il-procedura li adottat l-ewwel Qorti biex tisma' "il-kawza", u l-interpretazzjoni taghha dwar it-tifsira ta' "sentenza" ghall-fini tar-Regolament aktar qabel imsemmi.

Din il-Qorti taqbel mal-aggravji mressqa mir-rikorrent nomine. Fuq l-ewwel argument, jinghad li meta tinbeda procedura ghall-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn pajjiz esteru membru tal-Unjoni Ewropea, dik il-procedura ma ghandhiex tiehu sura ta' kawza fis-sens generali tal-kelma. Darba li l-ewwel Qorti aditta tkun perswaza li ghall-materja japplika l-imsemmi Regolament numru 44/2001 u mhux il-kaz ta' decizjoni li ghaliha r-Regolament jeskludi l-applikazzjoni tieghu (meta, per ezempju, il-materja tkun wahda ta' natura amministrattiva), hi trid tipprocedi li tiddekreta t-talba wara semplici ezami tad-dokumenti esebiti, minghajr htiega li tisma' lid-debitur jew tara x'ghandu xi jghid fuq il-kaz (ara artikolu 41 tar-Regolament). Jekk jigu pprezentati d-dokumenti rikjesti mill-istess Regolament u jidher li inghatat sentenza dikjarata esegwibbli mill-istess tribunal esteru, il-Qorti trid tilqa' t-talba u wara tordna n-notifika tal-atti kollha, inkluz id-digriet, lid-debitur li jkollu l-opportunita` jappella u jressaq l-ilmenti tieghu ghall-quddiem din il-Qorti. L-ezami tal-ewwel Qorti ghandu jkun wiehed bazat biss fuq id-dokumenti, u thalli lil din il-Qorti

tidhol fil-kontestazzjonijiet tad-debitur, jekk u meta dan jappella fiz-zmien u kif irid l-istess Regolament. Din hi l-procedura stabbilita fl-istess Regolament u l-Qorti ma tistax timxi mod iehor.

F’dan il-kaz, il-procedura kontemplata fir-Regolament ma gietx segwita mill-ewwel Qorti, pero`, f’dan l-istadju, ikun inutili li din il-Qorti thassar dak kollu li sar, b’invit lill-ewwel Qorti biex tipprocedi skont il-ligi.

L-attur nomine, ukoll, ftit jew wisq, ippartecipa fil-procedura adoperata mill-ewwel Qorti, u allura, ghall-fini ta’ din il-“kawza” (ghax din hi issa n-natura li ha dan il-process), din il-Qorti sejra tipprocedi daqs li kieku l-procedura uzata kienet korretta.

Bit-tieni aggravju tieghu, ir-rikorrent nomine, hass ruhu aggravat billi jsostni li l-ewwwel Qorti naqset milli tosserva l-principju bazilari ta’ “mutual recognition” ta’ sentenzi moghtija minn qrati ta’ stati ohra imsiehba fl-Unjoni Ewropea. Dan l-aggravju wkoll jidher validu. L-iskop tar-Regolament hu biex tigi facilitata l-enforzabbilita` ta’ sentenzi moghtija f’kull stat membru, u biex dan isir bi speditezza u b’anqas burokrazija. Mhux kompitu tal-qorti mitluba fl-ewwel stadju biex taghti ezekuzzjoni lil sentenza estera, tidhol u tezamina fid-dettal x’tip ta’ sentenza giet mitluba tenforza. L-ewwel Qorti, ovvjament, ma tridx tagixxi ta’ semplici “rubber stamp”, u trid tara kif inghad, li l-materja hi wahda milquta bir-Regolament u li hemm “ordni” li giet dikjarata enforzabbli. Dan l-ezami trid taghmlu <u>hi</u> minn fuq id-dokumenti li gew imressqa quddiemha. Jekk hemm decizjoni, li *ictu occuli* tista’ titqies bhala ordni jew kundanna, u dik l-ordni giet, mill-istess tribunal esteru li ta’ ordni fl-ewwel lok, dikjarata esekuttiva, allura l-ewwel Qorti trid taghti fidi u rikonoxximent lil dak it-tribunal esteru, u tordna l-ezegwibbilita` taghha gewwa Malta.

Il-procedura taht dan ir-Regolament hi wahda gdida ghal pajjizna, u zgur differenti mill-provvedimenti li jinsabu fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), izda mhux lecitu ghall-Qorti li tinjora l-

hsieb wara r-Regolament in kwistjoni u tqis talba simili bhala ftuh ta’ kawza gdida, meta ma kienx intiz li jsir hekk.

Bit-tielet aggravju, r-rikorrent nomine lmenta mill-interpretazzjoni restrittiva li tat l-ewwel Qorti lid-definizzjoni ta’ “sentenza”. Anke hawn din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni li saret. Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmmilha cara li biex titqies ezegwibbli, is-sentenza estera mhux mehtieg, kif osservat l-ewwel Qorti, li tkun “decizjoni finali”, ghax anke sentenza li mhix finali tista’ tinghata ezekuzzjoni f’pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropea, taht cirkostanzi li jissemmew fl-istess Regolament.

Fit-tieni lok, kif tinhareg sentenza u meta jitqies li nghatat jiddependi hafna mill-procedura tal-istat partikolari, u wiehed ma ghandux juza l-kejl tas-sistema Maltija. Hekk, f’dan il-kaz, giet segwita procedura li fl-Italja hi msejha “Decreto Ingiuntivo”. Meta dik il-procedura tintuza, u t-tribunal Taljan aditt ikun konvint li dik il-procedura setghet tintuza ghall-kaz ipprezentat quddiemha, dak it-Tribunal jaghti “sentenza” fuq it-talba. Dik is-“sentenza” imbaghad, tigi notifikata lid-debitur, u ssir awtomatikament ezegwibbli jekk l-istess debitur ma jopponix ghaliha fi zmien 40 jum min-notifika. Is-“sentenza”, fi kliem iehor, tohrog mit-tribunal <u>qabel</u> in-notifika tal-atti lill-kontro-parti, u sta ghal dan tal-ahhar li jressaq oppozizzjoni ghaliha jekk ikun qed jjikkontesta s-sentenza

Jekk id-debitur ma jressaqx oppozizzjoni fi zmien moghti lilu, ma tinghatax sentenza ohra, izda l-istess decizjoni li tkun inghatat, wara talba tal-kreditur, issir enforzabbli. La darba ma jkunx hemm kontestazzjoni, kif gara f’dan il-kaz, id-decizjoni effettiva tkun dik li nghatat fil-bidu tal-proceduri, f’dan il-kaz, tat-13 ta’ Ottubru, 2005. Hu ta din is-sentenza li r-rikorrent nomine qieghed jitlob l-ezekuzzjoni, u t-talba hi korretta ghax is-sentenza, fil-fatt inghatat dakinhar, u ma sar xejn wara li jaffettwa dik is-sentenza, hlief li, wara li ghadda inutilment l-40 jum moghti ghall-oppozizzjoni, l-istess ghaddiet in gudikat.

L-oppozizzjoni ghad-Digriet Ingiuntiv jigi introdott permezz ta’ “atto di citazione notificato al creditore” u ai termini tal-

Artikolu 645 *Libro Quarto Dei Procedimenti Speciali* tal-*Codice di Procedura Civile* Taljana, Regio *Decreto 28 ottobre 1940,* u*1443*, in segwitu ghall-oppozizzjoni, "*il giudizio si svolge secondo le norme del procedimento ordinario davanti al giudice adito*". F'kaz li ma ssirx oppozizzjoni f'dan is-sens u fiz-zmien stabbilit, "*il giudice che a pronunciato il decreto, su istanza anche verbale del ricorrente, <u>lo dichiara esecutivo</u>*" (Artikolu 647 ibid). Hu jiddikjara ezekuttiv is-sentenza li jkun ta' qabel, u hija din is-sentenza li hi enforzabbli fi stat membru iehor u mhux id-dikjarazzjoni tal-ezegwibbilita` taghha.

Il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Lulju, 1995, fil-kaz fl-ismijiet **Hingst Import BV v. Anna Maria Campese**, li kien jirrigwarda proprju r-rikonoxximent u l-infurzar ta' digriet ingiuntiv Taljan, spjegat il-procediment taht dan id-digriet b'dan il-mod:
"Para 4. The procedimento d'ingiunzione is a summary procedure which allows a creditor by ex parte application to obtain an enforceable court order against the debtor.

"Para 5. The creditor applies to the court, with all supporting written evidence, for **an order** against the debtor for payment of the sum claimed or delivery of the goods within a period of generally 20 days (Article 641 of the Italian Code of Civil Procedure, hereinafter "CPC"). The second paragraph of Article 643 provides that copies of the order and the application are to be served on the defendant. The third paragraph of Article 643 provides that that joint service marks the start of the proceedings. After service, the defendant **may oppose the order** until the end of the period set under Article 641 of the CPC for vouluntary compliance.

"Para 6. In principle, the order is not enforceable without more: authorization of the court, given on the application of the plaintiff after expiry of the period for opposing the order, is necessary to make it enforceable… …

"Para 7. **if the debtor opposes the order within the prescribed period, the ordinary inter partes civil procedure is followed** (Article 645 of the CPC).

Otherwise the court declares the order enforceable on application by the creditor.

Din il-Qorti ikkunsidrat f'para 14 tal-imsemmija decizjoni illi:

"It should also be noted that the **order** at issue **is undoubtedly a judgment capable of recognition and enforcement under Title III of the Convention since there could have been an inter partes hearing** in the State where it was made **before recognition and enforcement were sought** in the Netherlands (see Case 125/79 Denilauler v. Couchet Freres [[1980] ECR 1553, paragraph 13)."

Ghalhekk jidher bic-car illi d-digriet Inguntiv huwa "**judgment capable of recognition and enforcement**" u ghalhekk il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi "id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2005 kien ghad jonqos in-notifika", u ghalhekk ma setax jigi ikkonsidrat bhala "sentenza" ai termini tar-Regolament huwa zbaljat.

Din il-Qorti trid tirrimarka wkoll, li meta jirrizulta bic-car li hemm sentenza li giet dikjarata enforzabbli mill-qorti li tat is-sentenza, l-ezegwibbilita` fi stat membru iehor tal-istess sentenza ma ghandhiex tigi michuda minhabba zball fid-data indikata tas-sentenza. Fuq kollox, l-enforzabbilita` ta' sentenza estera mhux marbuta ma' xi terminu, u jekk talba tigi michuda ghax giet indikata data zbaljata, ma hemm xejn li jzomm il-kreditur milli jressaq rikors gdid bid-data korretta. Meta jkun hekk, ir-rigorizita` fl-interpretazzjoni tal-procedura tkun qed isservi biss ghal telf ta' hin u hela ta' flus, u ghandha allura tigi evitata.

Is-socjeta` intimata tilmenta wkoll mill-fatt li hi qatt ma giet notifikata kif trid il-ligi bl-atti tat-Tribunal ta' Udine. Din hi materja ohra, u timpingi fuq l-ezegwibbilita` tas-sentenza hawn Malta fit-termini tal-Artikolu 24 tar-Regolament imsemmi. Difiza f'dan is-sens, proprjament, ma tistax titqajjem ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti mitluba tordna l-enforzar tas-sentenza estera, ghax din, kif inghad, trid toqghod fuq id-dokumenti, u la mill-istess

tidher notifika u sentenza, l-ewwel Qorti trid tipprocedi bl-ezekuzzjoni.

Darba, pero`, il-kaz issa qieghed quddiem din il-Qorti, li hi l-Qorti moghtija l-kompetenza biex tistharreg din il-lanjanza, u darba wkoll saret it-trattazzjoni tal-punt miz-zewg diffensuri tal-partijiet, tara li hi ghandha tidhol fil-kwistjoni.

Is-socjeta` intimata tinsisti li hi kellha tigi notifikata bl-atti tat-Tribunal ta' Udine fl-ufficcju registrat taghha, u la ma sarx hekk, l-istess ghandha titqies nulla. Din il-Qorti ma taqbilx li, skont il-ligi ta' Malta, kumpanija trid bilfors tkun notifikata fl-ufficcju principali taghha. L-Artikolu 187(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jippermetti notifika f'postijiet ohra. Fil-kawza **Xanthippe Shipping Ltd. v. Kontrollur tad-Dwana**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2007, intqal hekk a propozitu:
"Il-kwistjoni tan-notifika ta' att gudizzjarju li ghandha ssir lill-kumpanija hi ben definita fil-ligi, partikolarment il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond din il-ligi, fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura (Artikolu 187(4)(b)) f'idejn persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew segretarju tal-kumpanija jew persuna ohra li tkun awtorizzata bil-mitkub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu (Artikolu 181A(2)), u dan bil-mod indikat fl-Artikolu 187(1), u cioe` billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed <u>fis-servizz ta' dik il-persuna</u> jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

"Issa, f'dan il-kaz, l-ittra ufficjali thalliet f'idejn id-diretturi tal-kumpanija rikorrenti billi thalliet kopja taghha fil-lok fejn joqoghdu f'idejn wahda fis-servizz taghhom. In-notifika, allura, saret fit-termini tal-ligi u ghandha titqies valida."

(ara wkoll **Valley Properties Ltd. v. Chianti Storm Ltd.** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2008).

Issa, f'dan il-kaz, id-dokumenti thallew f'idejn membru tal-familja tad-dirigent (il-mara tieghu) fid-dar fejn joqghod, u, ghalhekk, in-notifika ghandha titqies li saret validament. Il-mara li rceviet l-atti (Annie Zammit), qalet ukoll li ghaddiethom lil zewgha, Saviour Zammit, direttur tal-kumpanija intimata, u allura mhux biss saret in-notifika kif irid l-Artikolu 187(4)(b) tal-Kap. 12 imsemmi, izda jirriuzulta wkoll li l-atti, fil-fatt, waslu f'idejn dak li kellu r-rapprezentanza tal-kumpanija.

Il-fatt li n-notifika saret f'indirizz differenti minn dak indikat mill-Qorti Taljana, mhux rilevanti. Il-bidla fl-indirizz tista' ssir mill-Avukat Generali, inkarigat jara n-notifika tal-att, u mhux mehtieg jitlob il-permess tal-Qorti estera. It-Tribunal esteru ordna n-notifika, u indika indirizz fejn, skont hu, wiehed jista' jsib lill-kumpanija, pero`, kif u fejn issir in-notifika jiddependi mill-awtorita` lokali mitluba tinnotifika l-att.

Peress li l-appell tal-attur nomine se jigi milqugh a bazi tal-atti, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tilqa' t-talba tal-appellant biex iressaq affidavit ta' avukat Taljan, u qed tichad it-talba relattiva.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent nomine billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi biex minflok tilqa' t-talbiet tar-rikorrent nomine kif dedotti.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, peress li dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti, sar ukoll bl-akkwiexxenza tal-partijiet, tordna li l-ispejjez marbuta ma' dak l-ewwel stadju jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, izda l-ispejjez marbuta ma' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` intimata appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------